KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/12

**It-tnax (12) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur James Cassar | - | Kunsilier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-Ħdax Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4. Memorandum of Understanding Health Care Centre
5. Korrispondenza u Proposti
6. Kommunikazzjoni mis-Sindku
7. Ċerimonja Qalbiena Mostin
8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

## 1. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħdax il- Laqgħa

Il-minuti tal-ħdax (11) Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015 ġew approvati ~~b'mod~~ unanimament.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

3 **Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

Minuta 3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-handyman tal-Kunsill kien biddel il-katnazzi tal-entratura tat- Targa Battery u tad-ditch.

Minuti 3.2 – 3.2 – Is-Sindku nforma lill-membri l- email lil Transport Malta kienet intbagħtet sabiex isir traffic management ġdid ta Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Minuta 5.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li għandha ssir tabella tal-Kunsill ġaladarba ħriġna l-flus għal dan il-proġett tal-Kappella ta Wejda.

Minuta 5.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva kemm minn Transport Malta li fir-rotot [odda l-imsemmija toroq ser ikunu inklużi.

Minuta 5.7 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-Sur Raymond Zammit fuq pilot project għal użu tal-wardens.

Minuta 5.8 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien intbagħtu kwotazzjonijiet biex isiru dog bins.

4 **Memorandum of Understanding Health Care Centre**

Is-Sindku nforma lill-membri li saret il-laqgħa mal-Awtorita tas-Saħħa dwar Generator. Għadu ma ntlaħaqx ftehim minħabba l-fatt li l-Kunsill qed jitlob sabiex il-generator f'każ ta qtugh tad-dawl jissupplixxi l-għassa tal pulizija. L-aħħar korrispondenza li għaddiet keimet fejn Spettur Nicholas Vella bagħat email formali l-awtoritajiet tiegħu sabiex jintervjenu.

Dwar il-memorandum of understanding nforma lill-membri li dan ser jingħata lill-avukat tal-Kunsill sabiex ikun evalwat u wara jerġa jitella fil-laqgħa għad-diskuss. Apparti minn hekk is-segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri li ser tintbagħtilhom kopja tiegħu.

5 **Korrispondenza u Proposti**

5.1 **Korrispondenza Nru 1 – 5th Edition of the Abseiling Marathon 21 u 22 Novembru 2015**

Waqt il-laqgħa is-Sindku ppropona sabiex No Objections li jintalbu simili bħal din il-korrispondenza ikollhom no objection letter b'dawn il-kundizzjonijiet:

- Ma ssir l-ebda ħsara lill-pont, railings eċċ.
- Ma jitwaħħlu l-ebda imsiemer, bolts u / jew affarijiet oħra mal-ħajt tal-pont jew mal-wiċċ tal-blat.
- Ma jinħoloqx periklu lil kull min ikun għaddej minn fuq il-pont kemm bil-karozza kif wkoll bil-mixi.

- Ikollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.
- Il-pont jitħalla nadif.
- Il-Kunsill Lokali tal-Mosta ma jinżammx responsabbli għal kwalunkwe danni jew korrimenti li jistgħu jinqalgħu kawża ta' din l-attivita'. Għalhekk hija responsabbilita tagħkom sabiex tipprovdu polza ta' l-assikurazzjoni kif meħtieġa.

**5.2 Korrispondenza Nru 2 – Ilmenti –Triq il-Parjan – Ħmieġ tal-Klieb u Bring in Sites ta Santa Margerita**

Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu stickers minflok dog bins sakemm ikollna kwotazzjonijiet u jkunu ordnati dog bins.

Il-Kunsill għandi jinforma lill-kuntrattur biex jiġu mnaddfin spiss.

Il-kunsill qabel li l- Bring In Site tiċċaqlaq għal Triq Gio Maria Camilleri.

**5.1.1 Proposta Nru 1 – Proposta Nru 12 – Qasam Soċjali – Konsultazzjoni rigward cctv għal raġunijiet ta' infurzar lokali**

Fuq din il-proposta is-Sindku qal li aktar l-quddiem kienu ser isiru CCTV cameras.

**5.1.2 Proposta Nru 13- Qasam Soċjali – Konfużjoni Triq Carmelo Schembri , Vjal il-Qalbiena Mostin**

Il-Kunsill kellu proposta biex Triq Carmelo Schembri ssir one way sabiex b'hekk jitnaqqas il-problema tat-traffiku. Il-kunsill qabel li tinkiteb ittra lir-residenti fejn tinfurmahom b'din il-proposta u jekk huma għandhom xi oġġezzjoni irridu jibgħatu lura sal-15 ta' Novembru 2015.

**5.1.3 Proposta Nru 14- Qasam Soċjali – Jiġu ċċekkjati l-gandotti qabel ma ssir One Way Triq ir-Rebbiegħa u jiġu rinfriskati linji bojod u sofor**

Il-membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta li għandhom jiġu rinfriskati linji bojod u sofor ta din it-triq.

**6. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Ikla tal-Milied**

Is-Sindku ippropona li data tal-ikla tal-Milied tinbidel u ssir il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru.

**Suġġeriment sabiex Triq Ġorg Mitrovich jew parti minn Triq il-Biedja jiġu one way .**

Il-Kunsill kellu proposta biex Triq il-Biedja / Ġorġ Mitrovich /Katakombi ta' Bistra jsiru one way sabiex b'hekk jitnaqqas il-problema tat-traffiku. Il-kunsill qabel li tinkiteb ittra lir-residenti fejn tinfurmahom b'din il-proposta u jekk huma għandhom xi oġġezzjoni irridu jibgħatu lura sal 15 ta' Novembru 2015.

**Programm ta Novembru 2015**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-programm ta' attivitajiet u laqgħat li ser ssiru għax-xahar ta' Novembru 2015 (Anness programm) .

**Kummenti u Suġġerimenti waqt il-laqgħa mar-residenti ta' Santa Margerita li saret fi-sala tal-Kommunita' nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru 2015.**

Is-Sindku nforma lill membri dwar il-kummenti u suġġerimenti li residenti għaddew waqt il-laqgħa li saret il-Gimgħa 9 ta' Ottubru 2015.

Is-Sindku ippropona u l-Kunsillier Alex Muscat issekonda li titneħħa depożitu li kien sar fuq cherry picker u trakkijiet żgħar.

Il-Kunsill iddeċieda li deposit fee ta' 230 Ewros tkun biss fuq vetturi kbar li jħassu 15 Ewro.

7. **Ċerimonja Qalbiena Mostin**

Il-kunsillier Keith Cassar spjega programm kollu ta din iċ-ċerimonja. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

8. **Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **it-Tlieta 24 ta' Novembru** fis-**7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 24/11/2015

*Programm Propost:*

Attivitajiet għal NOVEMBRU 2015, proposti minn Edwin Vassallo.

***"Il-Mosta d-dar tagħna. Aħna familja waħda"***

Tema għax-xahar ta' Novembru 2015:

**LEJN AKTAR SIGURTÀ FIT-TOROQ TAGĦNA**

**"Naħdmu biex fil-Mosta jkollna toroq b'aktar sigurtà"** - ifisser li l-Kunsill huwa mpenjat biex jara li jkollna:

* ħidma maħsuba li tara bankini aktar siguri;
* anqas periklu fit-toroq tagħna;
* ħidma biex ikollna traffiku li jirrispetta aktar ir- residenti;
* tfal li jafu kif jimxu fuq il-bankina fis-sigurtà;
* anzjani li jgħixu f'darhom b'aktar sigurtà;
* toroq aktar nodfa u b'anqas periklu ta' mard.

Dan il-programm għandu jkun imqassam u kkomunikat fuq il-mezzi tal-midja soċjali biex ikun magħruf mar-residenti tal-Mosta kif ukoll jintbagħat fl-iskejjel biex l-edukaturi tagħna jkunu konxji mill-impenn tal-ħidma tal-Kunsill u hekk ikunu jistgħu wkoll iwasslu l-istess messaġġ lit-tfal u l-istudenti tagħna f'diversi skejjel.

**8 ta' Novembru, il-Ħadd, fid-9.30 am: Tibda Quddiesa** - bis-sehem tal-Kunsilliera kif ukoll tal-Għaqdiet tal-volontarjat fil-Mosta u bis-sehem tal-i*Scouts Group* tal-Mosta. Wara l-quddiesa ikun hemm **iċ-Ċerimonja tal-Qalbiena Mostin** li tkun tinkludi messaġġi tat-tfal tal-iskejjel tal-Primarja fil-Mosta, kif ukoll ta' żgħażagħ li huma membri tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u tal-*Mosta Empowerment Centre* tal-Mosta. Din l-attività filwaqt li ser tfakkar il-qlubija tal-Mostin mal-ġrajja taż-żmien, ser tkun ukoll talba u dimostrazzjoni għall-paċi fid-dinja.

**9 ta' Novembru, it-Tnejn, fis-2.00 pm: Laqgħa tal-Kunsill mal-Kumitat tal-Mosta F.C.** - dwar is-suġġerimenti taz-zona ta' ħdejn il-grawnd tal-futbol. Jieħdu sehem għall-Kunsill, Edwin Vassallo u Alex Muscat, il-President tal-Mosta F.C. u persuna li hija qrib tal-Mosta F.C., iżda mhix fil-Kumitat.

**10 ta' Novembru, it-Tlieta, fit-8.00 p.m: Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill**

**12 ta' Novembru, il-Ħamis, fis-7.30 pm fil-boardroom tal-kunsill- Laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni** - fejn ikun diskuss is-suġġett "Lejn aktar sigurtà fit-toroq tagħna". Din il-laqgħa ser tkun il-bidu ta' diversi laqgħat oħra li għandhom isiru f'dan ix-xahar għal persuni differenti mill-Komunità tagħna fejn għandhom ikunu diskussi dawn it-temi:

* X'nistgħu nagħmlu aktar għal aktar sigurtà fit-toroq tagħna għall-anzjani tagħna?
* X'nistgħu nagħmlu aktar għal aktar sigurtà fit-toroq tagħna għal persuni bi bżonnijiet speċjali?

* Għat-tfal tagħna, li jmorru l-iskola tal-Primarja fil-Mosta, inkunu qed noħolqu aktar sigurtà kemm-il darba l-privates u l-mini-vans filgħodu jwasslu t-tfal sa quddiem il-bieb tal-iskola? X'nistgħu nagħmlu aktar biex it-tfal tagħna jkollhom aktar sigurtà fit-triq tagħhom lejn l-iskola u wara lura lejn id-dar?
* L-istat tal-bankini tagħna, kif nistgħu jkollna bankini aħjar ukoll waqt li jkun qed isir il-bini?

Dawn is-suġġetti kollha ser ikunu parti mill-aġenda tal-laqgħa pubblika tal-Ħamis, 5 ta' Novembru, iżda mbagħad ikomplu jkunu diskussi fil-laqgħat li ser ikomplu jidħol aktar fid-dettall biex il-Kunsill ikollu rapport u suġġerimenti konkreti ta' x'jista jagħmel

**14 ta' Novembru, is-Sibt, fis-2.00 pm: Laqgħa mal-Pulizja** - fejn fuq l-aġenda tal-laqgħa jkun hemm il-proposti dwar kif jista' jkollna aktar ordni fil-lokalità tal-Mosta u fuq kollox ikun diskuss dan is-suġġett ta' aktar sigurtà fit-toroq tagħna. **Din ser tkun laqgħa tal-Kunsilliera mal-Pulizija.**

**15 ta' Novembru, il-Ħadd filgħodu: Ser issir wirja tal-karozzi organizzata mill-Old Motors Club li huwa fil-Mosta.** Din il-wirja ser ikollha bħala suġġett "Lejn aktar sigurtà fit-toroq tagħna".

**17 ta' Novembru, it-Tlieta, fis-7.30 pm: Laqgħa ta' Konsultazzjoni mar-residenti taz-zona ta' Sant' Andrija.** Din ser issir fiċ-Ċentru ta' Sant' Andrija.

**19 ta' Novembru, il-Ħamis, fis-7.30 pm: Laqgħa ta' Konsultazzjoni ma' min jaħdem fiz-zona industrijali Tas-Sriedaq.**

**19 ta' Novembru , Il-Ħamis , fid-9.00 a.m. : Ħarġa għal Dar Frate Jacoba Wied il-Għajn Marsascala**

**24 ta' Novembru, it-Tlieta, fis-7.30 pm: Laqgħa tal-Kunsill Lokali.**

**29 ta' Novembru, il-Ħadd filgħodu: Tkun organizzata wirja ta' karozzi armati għal kwart ta' mil u karozzi oħrajn armati minn dilettanti Mostin.** Din il-wirja ser ikollha t-tema "Il-veloċità tajba biss għat-tellieqa, fit-toroq residenzjali suq bil-galbu".